# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 362/20/1 AF**

**Ludwig Lautier u Sian Jennifer Lautier**

**v.**

**Hazel Mary Yelf u b'digriet tal-25 ta' Awwissu 2021, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li l-atti jiġu trasfużi f'isem Mary Carmen Housley *stante* l-mewt ta' David Housley**

1. Dan huwa appell ta' Mary Carmen Housley minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru 2022 li ċaħdet it-talba tagħha u tal-lum żewġha David Housley (illum mejjet) sabiex, *a tenur* tal-Artikolu 811(b) jew (a) tal-Kap. 12, tħassar is-sentenza fl-ismijiet **Ludwig Lautier u Sian Jennifer Lautier v. Hazel Mary Yelf** (Rik. Nru. 195/18

FDP) mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 2019 ["is-sentenza attakkata"] u tordna s-smigħ mill-ġdid tal-istess kawża.

**<u>Preliminari</u>:**

2. Ir-rikorrenti David u Mary Carmen *sive* Marlene konjuġi Housley għamlu talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet **<u>Ludwig Lautier u Sian Jennifer Lautier v. Hazel Mary Yelf</u>** (Rik. Nru. 195/18 FDP) *'bħala eredi ta' Hazel Mary Yelf'* li ġiet nieqsa fil-5 ta' Awwissu 2019 u li b'testment tat-8 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dott. Anne Marie Tonna ħalliethom eredi universali tagħha talli daru biha minn Awwissu 2016.

3. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għat-talba ta' ritrattazzjoni kienu dawn:

3.1. Hazel Mary Yelf (konvenuta fil-kawża li fiha ngħatat is-sentenza attakkata) u żewġha David Yelf kienu l-proprjetarji ta' appartament bin-numru erbgħa (4), Vista Terrace, Triq l-Iskuna fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, flimkien ma' sehem pro-rata indiviz tal-partijiet komuni fl-istess blokka, u kif ukoll flimkien ma' *car space* internament immarkat bin-numru sitta (6) u *store room* immarkat bin-numru ħamsa (5) fil-

kumpless ta' *garages* ukoll b'sehem pro-rata indiviz fil-partijiet komuni [komplessivament "il-fond"][1];

3.2. David Yelf miet fit-3 ta' Lulju 2015 u wirtitu martu Hazel Mary Yelf;

3.3. Dak iż-żmien, il-konjuġi Yelf kellhom seftura jisimha Martina Fricke;

3.4. Bejn Awwissu 2015 u Awwissu 2016 Hazel Mary Yelf kienet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli;

3.5. Fis-16 ta' Diċembru 2015, il-psikjatra Dr. Ethel Felice ċċertifikat illi, minkejja li Hazel Mary Yelf kellha *'chronic depresison with dependant personality disorder' 'she is mentally stable to delegate the power of attorney to her friend Martina Fricke'*[2];

3.6. Permezz ta' prokura ġenerali datata 23 ta' Diċembru 2015[3], Hazel Mary Yelf innominat lill-imsemmija Martina Fricke, amministratriċi tal-beni kollha tagħha u *inter alia* awtorizzatha tittrasferixxi l-immobbli li kienu proprjetà tagħha;

[1] Fol. 17.
[2] Fol. 35.
[3] Fol. 34.

3.7. Fit-2 ta' Frar 2016 Martina Fricke f'isem Hazel Mary Yelf daħlet f'konvenju ma' Ludwig Lautier u martu Sian Jennifer Lautier għall-bejgħ tal-appartament għall-prezz ta' €85,000[4];

3.8. Wara li ħarġet mill-isptar Monte Carmeli f'Awwissu tal-2016, Hazel Mary Yelf allegatament marret tgħix ma' Housley f'San Pawl il-Baħar[5] u b'testment tat-8 ta' Novembru 2016[6] ħalliethom eredi tagħha;

3.9. Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-23 ta' Awwissu 2016, Yelf infurmat lil Martina Fricke li b'effett immedjat kienet qiegħda twaqqaf il-mandat li kienet tatha. Talbet ukoll rendikont tal-amministrazzjoni tagħha[7];

3.10. Fis-16 ta' Diċembru 2016, Hazel Mary Yelf għamlet rapport lill-Pulizija fejn allegat illi Martina Fricke kienet qarrqet biha u ffrodatha[8];

3.11. Fit-28 ta' Frar 2018 Ludwig u Sian konjuġi Lautier fetħu kawża kontra Yelf (Rik. Nru. 195/2018 FDP) sabiex skont il-konvenju ffirmat fis-6 ta' Settembru 2016 in atti tan-Nutar Dott. Dorita Galea Medati, Yelf

[4] Fol. 31.
[5] Fol. 84.
[6] Fol. 13 *et seq*.
[7] Fol. 38.
[8] Fol. 36.

tiġi ordnata tbiegħ il-fond inkwistjoni għall-prezz ta' ħamsa u tmenin Elf ewro (€85,000);

3.12. Il-konvenuta Yelf, li ġiet notifikata permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni f'Mejju tal-2018, qatt ma dehret f'dawk il-proċeduri.

3.13. B'digriet mogħti fit-23 ta' Mejju 2019 il-Qorti rrikjamat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' Ġunju 2019 sabiex *"... il-partijiet igħarrfu lill-Qorti jekk iridux jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri jew jekk jistriħux fuq is-sottomissjonijiet ġja magħmula..."*.

3.14. Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2019 il-kawża kienet differita għas-sentenza għas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019.

3.15. Hazel Mary Yelf mietet fil-5 ta' Awwissu 2019;

3.16. Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 il-Qorti qalet li kellha bżonn iktar żmien u ddiferiet il-kawża għas-sentenza għas-seduta tat-3 ta' Diċembru 2019.

3.17. Fit-3 ta' Diċembru 2019 ingħatat is-sentenza attakkata li biha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-konjuġi Lautier u ordnat lill-konvenuta Yelf tbiegħ il-fond lill-atturi Lautier. Il-Qorti nnominat lin-

Nutar Dott. Dorita Galea Medati sabiex tippubblika kull att meħtieg u ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jappunta l-kuraturi deputati li jmissu skont il-lista sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta Yelf fuq kull att pubbliku in konnessjoni mal-każ, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Yelf;

3.18. Sentenza li ma sarx appell minnha;

3.19. Skont il-konjuġi Lautier[9], meta n-Nutar innominat mill-Qorti ġiet biex tippubblika l-att relattiv skont dik is-sentenza, irriżultalha li Yelf kienet mietet fil-5 ta' Awwissu 2019 u minn riċerki testamentarji rriżulta li Yelf kienet għamlet testment datat 8 ta' Novembru 2016 li fih innominat bħala werrieta assoluti tagħha lill-konjuġi Housley;

3.20. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Frar 2020, Lautier[10] sejħu lil Housley sabiex bħala eredi ta' Yelf jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv;

3.21. Billi l-konjuġi Housley insistew mal-konjuġi Lautier li ma kinux se jersqu għall-pubblikazzjoni tal-atti, fil-25 ta' Mejju 2020 Lautier ippreżentaw rikors li bih talbu lill-Qorti sabiex testendi l-inkarigu tan-Nutar Dorita Galea Medati sabiex tippubblika kull att meħtieġ, inkluż

[9] Fol. 82 tal-proċess 195/2018 FDP.
[10] Fol. 25.

ukoll id-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-defunta Hazel Mary Yelf u tawtorizza l-kuraturi deputati sabiex jirrappreżentawha fuq kull att pubbliku in konnessjoni mal-każ 195/18 FDP, senjatament billi jidhru għall-werrieta tagħha konjuġi Mary Carmen u David Housley;

3.22. B'digriet mogħti fis-6 ta' Lulju 2020[11], il-Qorti laqgħet it-talba kif magħmula fir-rikors tal-konjuġi Lautier tal-25 ta' Mejju 2020.

4. Fil-frattemp, fis-27 ta' Mejju 2020 il-konjuġi David u Mary Carmen *sive* Marlene Housley, ippreżentaw rikors maħluf li bih talbu r-ritrattazzjoni tal-kawża Rik. Nru. 195/2018 FDP fl-ismijiet **Ludwig Lautier u Sian Jennifer Lautier v. Hazel Mary Yelf** *a tenur* tal-Artikolu 811(b), jew alternattivament *a tenur* tal-Artikolu 811(a), tal-Kap. 12. Jikkontendu li qabel ma rċevew l-ittra tat-23 ta' Frar 2020, la huma u lanqas Hazzel Mary Yelf ma kienu nfurmati b'dik il-kawża, u kieku din tal-aħħar kienet taf bil-kawża kienet ċertament tikkontestaha billi qatt ma kienet ir-rieda ta' Yelf li l-imsemmi fond, li hija u żewġha xtraw għall-prezz ta' €140,000, jinbiegħ għall-prezz daqshekk baxx. Ippremettew ukoll li l-konjuġi Lautier kienu jafu li Yelf kienet tgħix ma' Housley f'San Pawl il-Baħar meta fetħu l-kawża, iżda kisbu sentenza mill-Qorti fil-kontumaċja ta' Yelf b'mod qarrieq billi nnotifikawha fl-indirizz tal-Qawra. Dan apparti l-fatt li skonthom, kemm Yelf u/jew kif ukoll huma spiss kienu jmorru fil-fond tal-

[11] Fol. 94 tal-proċess 195/2018 FDP.

Qawra jiċċekjaw il-posta u ma jirriżultalhomx li qatt saret xi affissjoni. B'żieda ma' dan, jikkontendu illi la sar attentat ta' notifika mill-ġdid f'Mejju tal-2019, meta l-kawża ġiet rikjamata f'data oħra, u lanqas ma sar tentattiv ta' notifika meta, fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2019, il-konjuġi Lautier żiedu talba oħra mar-rikors maħluf tagħhom. Billi skonthom dan iwassal għal nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont il-liġi a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Fin-nuqqas, tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont il-liġi a tenur tal-Artikolu 811(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li s-sentenza ġiet ottjenuta bil-qerq ta' Hazel Mary Yelf;*
>
> *3. Konsegwentement tħassar u tannulla s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Diċembru, 2019 fl-ismijiet Ludwig Lautier et v Hazel Mary Yelf (rikors maħluf numru 195/18 FDP);*
>
> *4. Tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża msemmija b'dan illi tippermetti lir-rikorrenti qua eredi tad-defunta Hazel Mary Yelf iressqu risposta maħlufa għar-rikors ġuramentat numru 195/18 FDP u konsegwentement iressqu provi fir-rigward;*
>
> *5. Tagħti kwalunkwe ordni oħra li jidhrilha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati ritrattati Lautier li huma minn issa msejħa għas-subizzjoni".*

5. Il-konjuġi Lautier wieġbu[12] illi: *in linea* preliminari r-rimedju li jagħti l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jispetta biss lill-partijiet f'kawża u mhux lill-werrieta tagħhom; illi t-talba għar-ritrattazzjoni ġiet preżentata *fuori*

[12] Fol. 62.

*termine* għaliex ir-ritrattandi kienu konsapevoli tal-eżistenza tal-konvenju mertu tal-kawża sa minn Diċembru 2016*;* illi l-azzjoni hi wkoll nulla skont l-Artikolu 812 tal-Kap. 12; u illi fil-mertu ma kien hemm l-ebda qerq proċedurali u n-notifika tal-kawża attakkata saret skont il-liġi.

6. B'sentenza tal-25 ta' Ottubru 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li r-rikorrenti Housley ma kinux parti fil-kawża u ma kellhom l-ebda jedd li jippreżentaw proċeduri ta' ritrattazzjoni, u għalhekk iddeċidiet billi:

> *"waqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni kif dedotta u tiddikjara illi r-rikorrenti Housley m'għandhomx jedd għar-rimedju tar-ritrattazzjoni fit-termini tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjoinijiet u tiċħad it-tabiet kif dedotti".*

7. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

> *"Mill-provi jirriżulta li Hazel Mary Yelf kienet miżżewġa lil David Yelf li ġie nieqes fis-sena 2015. Skont dak illi xehdet ir-rikorrenti Housley, jidher li Yelf ħadet it-telfa ta' żewġha bi kbira u li konsegwenza ta' dan spiċċat tbati minn chronic depression with dependant personality disorder kif ċertifikat minn Dr. Ethel Felice fis-16 ta' Diċembru 2015. Jirriżulta wkoll illi Yelf għamlet xi żmien rikoverata ġewwa l-Isptar Monte Carmeli. Mix-xhieda tar-rikorrenti Housley jirriżulta illi Yelf ġiet rikoverata ġewwa l-Isptar Monte Karmeli minn Martina Fricke li fiż-żmien kienet tgħin u tieħu ħsieb lil Yelf. Matul dan il-perijodu, speċifikament fit-23 ta' Diċembru 2015, Yelf iffirmat prokura ġenerali favur Fricke. Għandu jingħad illi qabel ma ngħatat din il-prokura, Yelf ġiet invistata minn Dr. Ethel Felice li fiċ-ċertifikat minnha rilaxxjat fis-16 ta' Diċembru 2015 osservat illi minkejja l-istat metali ta' Yelf, "She is mentally stable to delegate the power of attorney to her friend Martina Fricke."*
>
> *Fit-2 ta' Frar 2016 jirriżulta illi Fricke, għan-nom u in rappreżentanza ta' Yelf, daħlet f'konvenju ta' bejgħ u xiri tal-appartament internament immarkat bin-numru 4, Vista Terrace, Triq l-Iskuna, Qawra, limiti ta' San*

*Pawl il-Baħar flimkien ma' car space internament immarkat bin-numru sitta u store room immarkata bin-numru ħamsa fil-kumpless ta' garaxxijiet ukoll b'sehem pro-rata indiviża fil-partijiet komuni, lill-Ludwig u Sian Jennifer konjuġi Lautier versu l-prezz komplessiv ta' €85,000. Jirriżulta li Yelf kienet konsapevoli mill-promessa ta' bejgħ tant illi meta wasal iż-żmien għall-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ dehret, flimkien ma' Fricke, quddiem in-Nutar Dott. Dorita Galea Medati li kienet inkarigata mix-xerrejja Lautier għall-pubblikazzjoni tal-att. Jidher illi l-pubblikazzjoni ma setgħetx issir għar-raġuni li kien hemm xi pendenzi ta' taxxa rigwardanti s-suċċessjoni ta' David Yelf u għalhekk il-pubblikazzjoni ġiet rimandata.*

*Intant, Housley xehdet illi f'Awwissu 2016 Yelf kienet ċemplitilha minn ġewwa l-Isptar Monte Karmeli u talbitha toħroġha minn hemm għaliex kienet qegħda rikoverata kontra qalbha. Housley għamlet kif mitlub u ħadet lil Yelf sabiex tirresjedi magħha fid-dar ta' Housley stess. Housley xehdet ukoll illi f'dan l-istess żmien kienet ħadet lil Yelf għand l-Avukat Dott. Roberta Lepre sabiex tieħu parir dwar il-kwistjoni tal-konvenju ma' Lautier u dwar il-prokura favur Fricke. F'dan ir-rigward permezz tal-ittra uffiċjali numru 1680/16 datata 23 t'Awwissu 2016, Fricke ġiet avżata illi l-prokura ġenerali rilaxxjata favur tagħha minn Yelf kienet qegħda tiġi rtirata b'effett immedjat. Fis-16 ta' Diċembru 2016 Housley wasslet lil Yelf id-Depot tal-Pulizija fejn Yelf irraportat li Fricke kienet ingannata, rikoverata ġewwa l-Isptar Monte Karmeli u matul il-perijodu li kienet rikoverata tatha tiffirmha xi karti li kien biss maż-żmien li Yelf fehmet il-kontenut tagħhom. Yelf għalhekk għamlet rapport sia dwar in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-prokura favur Fricke kif ukoll dwar il-fatt illi bis-saħħa ta' dik l-istess prokura Yelf kienet daħlet f'konvenju mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-istess Yelf. Sadanittant, Yelf kitbet ittra lin-Nutar Dott. Dorita Galea Medati fejn għarrfitha dwar il-ħsieb tagħha li ma tersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ tal-proprjetà lil konjuġi Lautier. Housley xehdet illi kienet hi stess li mpustat din l-ittra lin-Nutar Dott. Dorita Galea Medati.*

*Housley penġiet lil Yelf bħala anzjana marida u vulnerabbli u li Fricke ħadet vantaġġ minn tali djufija sabiex fost l-oħrjan twettaq l-atti suriferiti għad-detriment ta' Yelf. Żiedet tixhed illi "bl-għajnuna tiegħi bdiet tirrealizza aħjar kemm kienet sfat imqarrqa u ffrodata minn Martina Fricke" (a fol. 84). Tallega wkoll illi Yelf qatt ma kellha ħjiel dwar il-kawża bin-numru 195/18FDP istitwita mill-konjuġi Lautier għall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ tal-propjetà soġġetta għall-konvenju tat-2 ta' Frar 2016. Tisħaq ukoll illi Yelf qatt ma ġiet notifikata bl-atti ta' din il-kawża bil-konsegwenza li għalhekk ma setgħetx tiddefendi l-interessi tagħha. F'dan ir-rigward kompliet tixhed illi "ma niftakarx lil Hazel issemmi xi kawża u ma nafx li qatt irċeviet xi dokument li kellu x'jaqsam mal-konvenju, jew xi kawża dwar il-konvenju. Wisq anqas naf li qatt ġie xi marixxal id-dar." Kompliet tixhed illi dik il-ħabta Yelf kienet qegħda tgħix fid-dar magħha u li għalhekk li kieku Yelf irċeviet xi dokument importanti kienet tirċevih fid-dar ta' Housley stess jew jekk le xorta waħda kienet tgħidilha bih.*

*Housley tisħaq li saret taf bil-kawża wara li rċeviet l-ittra legali datata 23 ta' Frar 2020 permezz ta' liema saret referenza għall-kawża bin-numru 195/18 FDP li intant, b'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019 ġiet deċiża favur il-konjuġi Lautier. Għalhekk, bis-saħħa tal-ittra tat-23 ta' Frar 2020 il-konjuġi Housley ġew mistiedna jikkuntattjaw l-uffiċċju tal-Avukat tal-fiduċja tal-konjuġi Lautier sabiex tiġi ffissata data għall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ. Tajjeb jingħad illi din l-ittra legali ma jirriżultax li ntbagħet permezz ta' posta reġistrata u għaldaqstant mhux magħruf meta ġiet notifikata lill-konjuġi Housley.*

*Eżaminati l-provi, jirriżulta li għalkemm ir-rikorrenti Housley tisħaq bis-saħħa li la hi u lanqas Yelf ma kienu jafu fil-kawża bin-numru 195/18 FDP, il-fatti juru li kemm Yelf u kif ukoll Housley kienu ben edotti mill-fatt li kien hemm konvenju fis-seħħ. Housley stess tikkonferma li ħadet lil Yelf sabiex tieħu parir legali dwar dan, wasslitha wkoll sabiex tagħmel rapport dwar dan il-fatt u saħansitra mpustat l-ittra li biha Yelf għamlitha ċara li ma kellha ebda intenzjoni taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-att finali. Il-Qorti tqis illi anki jekk għall-grazzja tal-argument Housley u a sua volta Yelf, ma kienux edotti mill-proċeduri legali, it-tnejn kienu ben konsapevoli mill-konvenju. Il-Qorti tifhem illi ġaladarba Yelf u Housley ħadu parir legali fuq is-siwi tal-prokura u l-atti, senjatament il-konvenju li sar bis-saħħa ta' dik l-istess prokura, allura, kemm Yelf u kif ukoll Housley aktarx illi ngħataw parir legali dwar il-konsegwenzi li setgħu jirriżultaw jekk kemm il-darba Yelf ma tersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att finali. In oltre, il-Qorti tosserva illi anki jekk għall-grazzja tal-argument, Yelf u Housley ma kellhomx ħjiel dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' Yelf li tersaq għall-kuntratt finali ta' bejgħ, bħala fatt din kienet taf u saħansitra rraportat il-fatt li fl-opinjoni tagħha l-prokura kienet inkisbet b'qerq u li l-konvenju sar mingħajr il-konsapevolezza u l-awtorizzazzjoni tagħha. Madanakollu, apparti li għamlet rapport u bagħtet ittra permezz ta' liema avżat lin-Nutar Dott. Dorita Galea Medati li ma kellha ebda intenzjoni tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali, ma jirriżultax illi ħadet passi konkreti ossia ma ntavolat ebda kawża sabiex tattakka l-validità tal-prokura jew il-validità tal-konvenju. Dan apparti l-fatt illi kif jirriżulta mill-att, bejn iż-żmien li ġie ffirmat il-konvenju u ż-żmien li nfetħet il-kawża hawn fuq imsemmija, Yelf flimkien ma' Fricke kienet diġa dehret quddiem in-Nutar Galea Medati għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' bejgħ. F'dik l-okkażjoni ma jidhirx li Yelf oġġezzjonat għall-pubblikazzjoni – anzi, dak li jirriżulta hu li Yelf marret għand in-Nutar wara li kien Ludwig Lautier stess li għadda għaliha u li kif ingħad, il-kuntratt ma sarx unikament għaliex nibtet problema relattiva għat-taxxa tas-suċċessjoni ta' David Yelf.*

*Imur lil hinn mill-iskop ta' din is-sentenza in parte li l-Qorti tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fil-mertu tal-kwistjoni. Daqstant ieħor imur lil hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti kif adita li tinoltra fil-kwistjoni tal-validita' o meno tal-prokura. Il-kwistjoni sollevata permezz ta' din il-kawża hija limitata għal jedd ta' ritrattazzjoni li Housley jgħidu illi għandhom qua eredi ta' Yelf.*

*Il-konjuġi Lautier laqgħu għat-talbiet attriċi billi fost l-oħrajn u permezz tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari eċċepew:*

*1. L-improponibilita' tal-azzjoni u l-konsegwenti nullità għar-raġuni illi:*

*i. Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju regolat bis-saħħa ta' regoli strettissimi;*

*ii. Il-jedd għar-ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 mhuwiex disponibbli lill-partijiet li ma kienux f'kawża;*

*iii. Ai termini tal-Artikolu 810B rikors għar-ritrattazzjoni jista' jiġi ntavolat biss entru sitt xhur liema terminu huwa dekorribli jew mill-mewt tad-decujus sabiex il-parti nteressata tiġi awtorizzata tkompli l-proċeduri minflok id-decujus. Altrimenti, jekk tkun diġà ngħatat sentenza, il-parti nteressata jkollha terminu ta' sitt xhur sabiex il-parti tressaq rikors t'appell mis-sentenza. Il-konvenuti jgħidu għalhekk illi kwalsiasi drittijiet jista' jkollhom il-werrieta, dawn id-drittijiet huma limitati u dettati mill-Artikolu 810B.*

*...*

*Il-Qorti sejra tibda billi tittratta l-ewwel eċċezzjoni anki għaliex jekk kemm il-darba jirriżulta minnu li l-jedd għar-ritrattazzjoni huwa disponibbli esklussivament għall-partijiet li kienu fil-kawża, allura ma jkunx hemm aktar skop li jiġu trattati l-bqija tal-eċċezzjonijiet mertu ta' din is-sentenza in parte.*

*Għal dak illi huwa pertinenti għall-konsiderazzjoni legali rigwardanti l-kawża ta' llum, jibda biex jingħad illi r-ritrattazzjoni hija rimedju li joffri reviżjoni ta' sentenza finali bil-għan li r-reviżjoni twassal għal rettifika ta' dawk l-iżbalji li jkunu evidenti fis-sentenza. Jista' għalhekk jingħad illi l-iskop aħħari tar-rimedju tar-ritrattazzjoni, rimedju radikat fuq l-ordni pubbliku, huwa dak illi tiġi evitata miscarriage of justice fil-konfront tal-partijiet u dan għaliex meta tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni is-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi mħassra fit-totalità tagħha u konsegwentement il-kawża terġa tinstema' sabiex tingħata sentenza mill-gdid. Ta' bilħaqq jiġi mfakkar illi r-ritrattazzjoni hija maħsuba bħala rimedju straordinarju li jista' jintalab unikament għal xi waħda mir-raġunijiet tassattivi li huma elenkati taħt l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Proprju għaliex dan ir-rimedju huwa wieħed straordinarju, ir-regoli proċedurali għar-rigward l-applikazzjoni tal-istess rimedju jeħtieġ illi jiġu nterpretati b'mod restrittiv għall-aħħar u fis-sens litterali tad-disposizzjoni. Jingħad dan għaliex il-prinċipju ewlieni li jiggverna l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa dak illi sa fejn possibbli sentenza li tkun ġiet pronunzjata u għaddiet in ġudikat m'għandiex tiġi mwaqqfa sakemm ma jirriżultax suffiċjentement pruvat illi jeżistu raġunijiet gravi u serji sabiex dak il-ġudikat jiġi mħassar ...*

*Il-parti dispożittiva tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 taqra hekk:*

> *"811. Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: (enfasi miżjuda)"*

*Minn qari fis-sens litterali tad-disposizzjoni jidher illi dan ir-rimedju huwa disponibbli lill-partijiet u cioè lill-dawk il-persuni li kienu nvoluti fis-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Mildred Ferando vs Louis Bianchi pro et noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Mejju 2003 fejn il-kwistjoni ċentrali kienet iddur madwar il-fatt dwar jekk terz li ma kienx parti mill-kawża mpunjata u li tagħha qiegħed jintalab it-tħassir, setax dan jinqeda bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma ta' siwi wkoll għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum:*

> *"Fil-kawza "Giuseppe Tabone et vs Ursola Farrugia et" (11/12/1950, Koll. Vol. XXXIV – 1- 293) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li:-*
>
> > *"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa moghti mil-ligi fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess. Din l-espressjoni "partijiet li jkollhom interess" ma tfissirx illi r-ritrattazzjoni tista' tigi mitluba "minn min ghandu interess" imma biss minn dawk in-nies li bejniethom tkun saret il-kontestazzjoni fl-ewwel gudizzju.*
> >
> > *Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju li jidderoga ghall-principju ta' l-irrevokabilita` tal-gudikati, u ghalhekk ma jammettiex interpretazzjoni estensiva: u la darba l-ligi tillimitah ghall-partijiet li jkollhom interess, ma ghandux jigi estiz ghal kull persuna ohra li jkollha dak l-interess".*
> >
> > *F'dan il-kaz sub-inkwilin, li kien ser isib ruhhu zgumbrat wara kawza bejn is-sid u l-kerrej talab smiegh mill-gdid tar-rikors. Il-Qorti ta' l-Appell qalet "Ghaldaqstant f'kawza ta' zgumbrament li ssir bejn sid il-kera u l-konduttur, is-subinkwilin mhux rapprezentant mill-konduttur u ma kellux parti fil-gudizzju. U ghalhekk is-subkonduttur li jsib ruhhu zgumbrat bis-sahha tas-sentenza li tigi moghtija f'dak il-gjudizzju li fih huwa ma kienx ha sehem, ma ghandux dritt jitlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza, avolja fiha gie ordnat l-izgumbrament ……..."*

*F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmela Farrugia vs JIT Trading Ltd deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-17 t'April 2009 fejn ingħad hekk:*

> *"It-tifsira li certament tinzel minn din il-previzjoni tal-ligi taht l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 hi dik li r-rimedju tar-ritrattazzjoni jista' jigi propost b'mod esklussiv mill-partijiet infushom gja kompartecipi fil-proceduri li fihom inghatat is-sentenza, u mhux ukoll minn kull min ghandu interess. Kif espress minn din il-Qorti kif presjeduta in re: "Mildred Ferando -vs- Loris Bianchi proprio et nomine", 12 ta' Mejju, 2003, citata wkoll mill-Bord, huwa inkoncepibbli, tenut rigward taz-zewg stadji fokali tar-ritrattazzjoni,*

> *illi r-rimedju, altament straordinarju, jigi estiz lil min ma jkunx parti u ma jkunx ha sehem fil-gudizzju li tieghu jkun qed jintalab l-annullament u l-konsegwenti ri-apertura tat-trattazzjoni tal-kawza. Ta' fehma konkordi l-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana in referenza ghall-istitut tar-revokazzjoni tas-sentenzi a tenur ta' l-artikolu 395 tal-Kodici ta' Procedura Civili Taljana: "Ai fini della sussistenza dell'interesse ad impugnare una sentenza con il mezzo della revocazione rileva una nozione sostanziale e materiale di soccombenza, che faccia riferimento non gia alle divergenze tra le conclusioni rassegnati dalla parte e la pronuncia, ma agli effetti pregiudezievoli che dalla medesima derivano nei confronti della parte" (Corte Suprema di Cassazione, 2004, Numru 8326, riportata fil-"Commentario breve al Codice di Procedura Civile", Edizjoni Cedam, 2004);"*

*Fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Emanuel Zahra noe vs Chief Government Medical Officer, il-Qorti tal-Appell osservat illi:*

> *"14. A differenza ta' dak li jinghad fl-Artikolu 238 tal-Kap. 12 fir-rigward ta' sentenza ordinarja ta' l-appell li tibdel jew thassar sentenza ta' l-ewwel grad, fit-Titolu IV imsemmi ma hemm ebda disposizzjoni simili ghal dak l-artikolu. L-unika disposizzjoni f'dan it-Titolu li tispecifika minn jista' jibbenifika minn ritrattazzjoni mitluba minn parti wahda fost diversi li talvolta kienu involuti f'dik il-kawza hija dik tal-Artikoku 822 li, fis-subartikolu (1) tieghu, tipprovdi li "Bit-talba ghar-ritrattazzjoni jista' jinqeda kull wiehed mill-konvenuti illi, sew fit-twegiba ghall-libell jew ghall-petizzjoni, inkella b'nota pprezentata qabel il-ftugh tas-smigh ta' dik it-talba, ikun ammetta t-talba". U s-subartikolu (2) ikompli hekk: "F'dak il-kaz il-konvenut jista' jissokta l-proceduri, ghalkemm min ikun ghamel dik it-talba jirrinunzja ghaliha". Apparti li hu evidenti li l-legislatur hawnhekk nesa li talba ghal ritrattazzjoni m'ghadhiex issir b'libell jew b'petizzjoni, b'din id-disposizzjoni huwa qed jikkontempla s-sitwazzjoni fejn ir-ritrattat, fir-risposta ghac-citazzjoni jew ghar-rikors, jammetti t-talba ghar-ritrattazzjoni; f'kaz bhal dan, jekk ir-ritrattand icedi t-talba ghar-ritrattazzjoni, ir-ritrattatt jkun jista' jkompli b'dik it-talba. Din hi l-unika disposizzjoni li tidentifika min jista' jibbenefika minn talba ghal ritrattazzjoni;"*

*Għalkemm il-ġurisprudenza li tittratta l-kwistjoni dwar min igawdi l-jedd illi jinvoka r-rimedju tar-ritrazzjoni hija waħda limitata, il-Qorti ssib ruħha konkordi mill-prinċipji ġurisprudenzjali appena traċċjati. Tqis illi meta l-leġislatur għażel li juża proprju l-kliem "waħda mill-partijiet" l-intenzjoni tiegħu kienet ċara. La darba d-disposizzjoni fit-totalita' tagħha jeħtieġ illi tiġi nterpretata b'mod restrittiv u fis-sens litterali tagħha, il-Qorti allura tqis illi l-frażi "waħda mill-partijiet" tirreferi esklussiviment għall-partijiet li kienu parteċipi u nvoluti fil-kawża li tagħha qiegħed jintalab it-tħassir. Li kieku l-leġislatur ried jestendi dan il-jedd għat-terzi estraneji għall-ġudikat, kien jagħmel din l-intenzjoni ċara billi jestendi dan ir-rimedju għal kull min għandu nteress b'mod ġenerali kif del resto għamel f'disposizzjonijiet oħra tal-liġi.*

*Fil-każ ta' llum ir-rikorrenti odjerni Housley ma kienux parti mill-ġudikat li qiegħed jiġi attakkat u għaldaqstant huma preklużi milli javvanzaw*

> *talba għar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża. Stabbilit dan, il-Qorti tqis illi m'hemmx aktar skop li jiġu trattati l-bqija tal-eċċezzjonijiet u tat-talbiet".*

**L-Appell**

8. Permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2022, ir-rikorrenti Housley ilmentaw:

i. l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjoni żbaljata, irrilevanti u prematura meta tat piż lill-fatt li Hazel Mary Yelf kienet taf bil-konvenju; u

ii. l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat lill-appellanta bħala terz u mhux bħala eredi li daħlet fiż-żarbun tad-*decujus*.

9. Talbet konsegwentement lil din il-Qorti:

> *"tirrevoka s-sentenza datata 25 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet premessi fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellati u ċaħdet it-talbiet tal-appellanta u minflok tiddeċiedi illi l-appellanta kellha dritt li tressaq ir-rikors għar-ritrattazzjoni u tordna lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tisma r-rikors għar-ritrattazzjoni u tiddeċiedi l-mertu tat-talbiet tal-appellanta, filwaqt illi tagħti dawk id-direzzjonijiet u ordnijiet oħra li jidrilha xierqa u ġusti".*

10. L-intimati wieġbu illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hi ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

11. Għal dak li jirrigwarda <u>l-ewwel ilment</u>, huwa minnu li f'paġni 10, 11, 12 u 13 tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet ta' fatt li ma kinux meħtieġa għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni. Indipendentement minn dawk il-konsiderazzjonijiet, l-Ewwel Qorti għamlet ukoll konsiderazzjonijiet ta' natura legali li wassluha biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.

12. Għalhekk, irrispettivament mill-fatt jekk il-konsiderazzjonijiet ta' fatt li għamlet kinux korretti jew irrilevanti, l-ewwel aggravju ma jistax iwassal biex jintlaqa' l-appell ġaladarba d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni li ma kinitx titratta dwar il-mertu.

13. Għal dak li jirrigwarda <u>t-tieni aggravju</u>, ir-rikorrenti qalet li taqbel li hija biss waħda mill-partijiet li tista' titlob ir-ritrattazzjoni ta' kawża. Fejn ma taqbilx mal-Ewwel Qorti huwa fejn hija ġiet meqjusa *"persuna li ma kinitx involuta fis-sentenza"* u għalhekk ma kinitx parti fil-kawża, li tagħha talbet ir-ritrattazzjoni. Tikkontendi illi ladarba mhux kontestat li hija, flimkien mad-defunt żewġha li tiegħu hija l-eredi, huma l-eredi ta' Hazel Mary Yelf, l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li hija assumiet id-drittijiet u obbligazzjonijiet ta' Yelf, fosthom li titlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza attakkata *a tenur* tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

14. Skont Art. 811 kawża tista' tiġi ritrattata *"fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess"*. Fil-kawża 195/2018 il-konvenuta kienet Yelf u hekk baqgħet sal-aħħar tal-kawża minkejja li mietet qabel ingħatat is-sentenza.

15. Madankollu, ir-rikorrenti David u Mary Carmen konjuġi Housley huma l-uniċi werrieta ta' Yelf. Tant hu hekk li fil-kawża 195/2018 kienu l-konjuġi Lautier stess li b'rikors li ppreżentaw fil-25 ta' Marzu 2020 talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"2. Tawtorizza l-kuraturi deputati innominati sabiex jirrapreżentaw lill-intimata Hazel Mary Yelf fuq kull att pubbliku in konnessjoni mal-każ odjern u għal dan il-għan ikunu awtorizzati jidhru għall-werrieta tal-imsemmija Hazel Mary Yelf ossija Mary Carmen Housely (I 377257M) u David Housely (ID 186301L)"*.

16. Talba li ġiet milqugħa b'digriet mogħti fis-6 ta' Lulju 2020. Il-Qorti tosserva kif mid-dokumenti mehmuża ma' dak ir-rikors, jirriżulta li Yelf (5 ta' Awwissu 2019) kienet innominat lill-konjuġi Housley bħala werrieta uniċi tagħha b'testment tat-8 ta' Novembru 2016. Mir-riċerki testamentarji jirriżulta li dak kien l-uniku testment li għamlet Yelf. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti Housley ma tistax titqies estranja għall-kawża 195/2018FDP ġaladarba bid-digriet mogħti fis-6 ta' Lulju 2020 il-Qorti ordnat l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019 kontra l-konjuġi Housley, ovvjament bħala werrieta universali tal-mejta Yelf. Għalhekk il-konjuġi Housley huma daqslikieku

kienu parti fil-kawża li tagħha talbu r-ritrattazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawża ta' ritrattazzjoni fis-sens li wara l-kunjom 'Yelf' għandhom jiżdiedu l-kliem: ***"u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2020 il-Qorti ordnat l-eżekuzzjoni tas-sentenza kontra David u Mary Carmen Housley".***

17. Housley huma l-uniċi werrieta ta' Yelf u għalhekk għandhom l-istess drittijiet u obbligi li kellha d-*decujus*, u bħala tali għandhom jedd jipproponu kawża għar-ritrattazzjoni tal-kawża 195/2018FDP. Il-kelma *'partijiet'* f'Art. 811 għandha tiftiehem li tinkludi l-werrieta ta' parti fil-kawża li tagħha tkun intalbet ir-ritrattazzjoni u li kontrihom hi eżegwibbli s-sentenza li qiegħda tiġi impunjata permezz tal-proċedura ta' ritrattazzjoni.

18. Fit-tweġiba l-intimati għamlu referenza għall-*proviso* tal-Artikolu 810B tal-Kap. 12, li jipprovdi:

> *"Iżda minkejja li jkun għadda l-perjodu ta' sitt xhur stipulat f'dan l-artikolu, kwalunkwe persuna interessata li għaliha jirreferi l-artikolu 807 kif ukoll il-parti l-oħra fil-kawża tista', sa dak iż-żmien li l-kawża tiġi differita għas-sentenza jew wara s-sentenza fil-każ li l-persuna jew il-parti msemmija tippreżenta rikors tal-appell, tutilizza d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 806 u 807 rispettivament"*

Il-fatt li f'dik id-dispożizzjoni jissemma li l-persuna interessata tista' tippreżenta rikors tal-appell, ma jeskludix il-jedd tal-werriet li jippreżenta rikors għal ritrattazzjoni tal-kawża. Kif wara d-digriet tas-6 ta' Lulju 2020 l-eżekuzzjoni tas-sentenza ssir kontra r-rikorrenti Mary Housley, daqstant

ieħor Housley għandha jedd titlob għar-revoka tas-sentenza għar-raġunijiet li jissemmew fl-Art. 811 tal-Kap. 12.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tar-rikorrenti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-25 ta' Ottubru 2022 u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Lautier. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-intimati.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm